MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 196/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**Vs**

**Peter Salvino Psaila u Nicola Clare sive Nicole Psaila mart l-imsemmi Peter Psaila.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta’ tmint elef, seba’ mija, disgha u sebghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm8,779.60c0) kwantu ghall-ammont ta’ tmint elef, hames mija u sebgha u sittin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm8,567.41c0) dovuti bhala bilanc fuq “Rescheduled Overdraft Account”

bin-numru 078-059599-340 (liema kont qabel kien bin-numru 078-059599-001) u r-rimanenti mitejn u tnax-il lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm212.19c0) bhala imghax fuq l-istess “Account” sad-19 ta’ Settembru, 2003, oltre l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-20 ta’ Settembru, 2003, sad-data tal-pagament effettiv;
Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati biex ihallsu d-debitu taghhom fuq imsemmi, baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-Bank huwa cert, likwidu u esegwibbli;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tghaddi sabiex tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur ta’ l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta]; u

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma komplessiva ta’ tmint elef, seba’ mija, disgha u sebghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm8,779.60c0) kwantu ghall-ammont ta’ tmint elef, hames mija u sebgha u sittin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm8,567.41c0) dovuti bhala bilanc fuq “Rescheduled Overdraft Account” bin-numru 078-059599-340 (liema kont qabel kien bin-numru 078-059599-001) u r-rimanenti mitejn u tnax-il lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm212.19c0) bhala imghax fuq l-istess “Account” sad-19 ta’ Settembru, 2003, oltre l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-20 ta’ Settembru, 2003, sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez (inkluz il-V.A.T. fuq l-istess), komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tad-29 ta’ Mejju, 2003, kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru u tal-Mandat ta’ Inibizzjoni pprezentati kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------